MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1599/2000/1

**Citaz Nru: 1599/00 JA.**

**Salvatore sive Salvu Calleja, Maria Pisani, Grace Muscat, Frances Deguara, Giuseppe Calleja u Josephine Attard.**

**-vs-**

**Carmelo Calleja.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-31 ta' Lulju, 2000 li permezz tieghu l-atturi ppremettew:

Illi fl-20 t' Awwissu, 1999 mietet Antonia Calleja hekk kif jidher mic-certifikat hawn anness u immarkat bhala Dok. A;

Illi skond it-testment ta’ l-istess Antonia Calleja datat 27 ta’ April, 1999 fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dr. Ann Fenech Adami hawn anness u immarkat Dok. B thallew bhala eredi universali l-attur Giuseppe Calleja u l-konvenut Carmlo Calleja, hlief ghal prelegat tas-somma ta’ erbat elef lira Maltin (Lm4,000) fis-sehem ta’ terz kull wiehed lil Maria Pisani, Grace Muscat, u Frances Deguara, ghal prelegat (sic) tal-mobilri kollha li jkun hemm fid-dar fejn tkun tghix it-testatrici fil-gurnata tal-mewt taggha u cioe’ fid-dar numru tmintax (18) Misrah Santa Venera, Santa Venera pero’ ad eccezzjoni ta’ titoli ta’ flus, kif ukoll is-somma ta’ tmint elef lira Maltin (Lm8,000) lin-neputi tat-testatrici l-attur Salvatore sive Salvu Calleja u s-somma ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000) lil Josephine Attard.

Illi oltre minhabba li l-konvenut nonostante illi dan gie debitament interpellat diversi drabi sabiex jersaq ghall-qsim ta’ l-eredita’ tal-mejta Antonia Calleja dan baqa’ jirrifjuta illi jaghmel dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi u dana bi pregudizzju ghall-istess atturi;

Ghalhekk jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tassenja l-prelegati u dana skond it-testment datat 27 ta’ April, 1999 billi tassenja s-somma ta’ erbat elef lira Maltin (Lm4,000) fis-sehem ta’ terz kull wiehed lil Maria Pisani, Grace Muscat u Frances Deguara, il-mobili kollha li jkun hemm fid-dar fejn tkun tghix it-testatrici fil-gurnata tal-mewt taghha u cioe’ fid-dar numru tmintax (18) Misrah Santa Venera, Santa Venera pero’ ad eccezzjoni ta’ titoli ta’ flus, kif ukoll is-somma ta’ tmint elef lira Maltin (Lm8,000) lin-neputi tat-testatrici l-attur Salvatore sive Salvu Calleja, u s-somma ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000) lil Josephine Attard;

2. Tillikwida l-eredita’ ta’ Antonia Calleja billi taqsam l-istess eredita’ ta’ Antonia Calleja f’ zewg ishma indaqs li wahda minnhom tigi assenjata lill-attur Giuseppe Calleja u l-ohra lill-konvenut Carmelo Calleja.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa minn Salvatore sive Salvu Calleja fis-16 ta' Gunju, 2000 u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut ma' pprezentax nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat l-atti kollha tal-kawza u l-verbal tas-seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2003 li bih il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza hija wahda ta' qasma ta' wirt. Il-mejta Antonia Calleja ghamlet l-ahhar testment taghha fl-atti tan-Nutar Ann Fenech Adami fis-27 t' April, 1999 u wara li halliet xi pre legati istitwit bhala eredi taghha lil hutha l-attur Giuseppe Calleja u l-konvenut Carmelo Calleja.

Il-legati msemmija huma:

Is-somma ta' erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) bejnithom lill-atturi Maria Pisani, Grace Muscat u Frances Deguara.

Is-somma ta' tmint elef Lira Maltin (Lm8,000) kif ukoll l-oggetti kollha li kien hemm fid-dar li kienet tabita, cioe' 18 Misrah Santa Venera, Santa Venera eccetto titoli ta' flus, lill-attur Salvatore sive Salvu Calleja. L-oggeti imsemmija huma elenkati fir-rapport tal-Perit Richard Aquilina fl-inkjesta Magisterjali ezebit a fol.43 u 44 tal-process.

Is-somma ta' elfejn Lira Maltin (Lm2,000) lill-attrici Josephine Attard.

Dwar dawn ovvjament m' hemmx kontestazzjoni. Jibqa' dak li jrid jigi diviz bejn il-werrieta.

Il-provi li ressqu l-atturi jindikaw dawn il-kontijiet bankarji:

Kontijiet numru 0152010293501 u 01520102935 fil-Lombard Bank.

Jidher li kien hemm kontijiet ohra fl-HSBC Bank izda skond id-dokument ezebit a fol.53 tal-process dan inghalaq u l-werrieta hadu sehmhom.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi billi:

1. tassenja l-pre legati mhollija bit-testment imsemmi u tordna lill-werrieta cioe' l-konvenut u l-attur Giuseppi Calleja jhallsu s-somma ta' erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) lilli atturi Maria Pisani, Grace Muscat u Frances Degurara bejnithom; l-oggetti kollha mobili (eccetto titoli ta' flus) li kien hemm fid-dar tal-mejta u s-somma ta' tmint elef Lira Maltin (Lm8,000) lill-attur Salvatore Calleja u s-somma ta' elfejn Lira Maltin (Lm2,000) lill-attrici Josephine Attard;

2. tordna li l-kontijiet bankarji esistenti f' isem il-mejta Antonia Calleja fuq imsemmija fil-Lombard Bank jinqasmu fi kwoti uguali bejn l-attur Giuseppe Calleja u l-konvenut Carmelo Calleja;

L-ispejjez tal-kawza jinqasmu fi kwoti ndaqs bejn l-attur Giuseppe Calleja u l-konvenut bhala eredi.

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------